# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEGISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 24

20 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( MP ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) |

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

| | |
|---|---|
| M' Lourdes Lautier | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**24.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

**24.2 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

24.2.1 Is-Sindku resqet il-minuti tat-tleta w għoxrin (23) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

24.2.1.1 Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja 24.3.6 u 24.3.8 fejn innota li dawn kienu ripetuti. Għalhekk talab li l-Artiklu 23.3.8 għandha tiġi mħassra. Il-Kunsill qabel unanimament biex issir din il-korrezzjoni.

24.2.1.2 Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni isskondata mis-Sindku DSH favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f' 1.1 pero' peress li l-Kunsillier VB kien assenti b' apoloġija għal dik il-laqgħa ma setax jivvota,. Għalhekk is-Sindku użat il-*Casting Vote* tagħha.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 2 | (DSH, JAE) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjoni | - | 1 | (VB) |

Sussegwentement il-minuti tal-laqgħa ġew ifirmati mis-Sindku DSH u mis-Segtretarju Ezekuttiv MLL.

**24.3 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

Is-Sindku tablet li jitqajmu punti mill-Laqgħa numru 23.

24.3.1 **IL-PROĠETT TAL-FUNTANA TAT-TRITONI – PA 5739/16 – CONSTRUCTION MANAGEMENT PLAN (23.3.6).**

Saret referenza għal dan il-proġett fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkumenta dwar il-pjan tal-kostruzzjoni.

Hekk kif dawn jiġu sottomessi mill-Perit tal-Kunsill, dawn jintbagħatu lill-Awtorita' tal-Ippjanar minnufih.

24.3.2 **KWOTAZZJONI - HERITAGE TRAIL (23.4.7)**

Il-KunsillierJAE staqsa dwar it-tiswija tas-sinjali ta' dan il-Heritage Trail.

Qed jintalbu kwotazzjonijiet għat-tiswija tagħhom kif ukoll kwotazzjonijiet għal li jista' ikun meqjus li jsiru ġodda u l-Kunsill ikun jista' jara xi jkun jaqbel.

24.3.3 **STOP SIGN QRIB IL-KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI (23.4.8)**

JAE staqsa dwar l-*iStop sign* ta' ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini.

Ġie nfurmat li peress li għal issa l-Kunsill qed jaħdem b' handyman wieħed, dan ma laħaqx sar.

Is-Sindku allura ssuġerit li għandu jitqabbad kuntrattur biex isir dan ix-xogħol.

**24.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

24.4.1 **LAQGĦA MAL-AWTORITA' TAL-IPPJANAR (AP)**

Is-Sindku informat lil dawk preżenti dwar il-laqgħa organiżżata mill-(AP) fl-14 ta' Diċembru 2016 f' lukanda ewlenija kif ukoll għall-laqgħa li kella ftit tal-ħin qabel illum maċ-Chairman Eżekuttiv is-Sur Johann Buttiġieġ a bażi taċ-Ċirkolari AKL 64/2016 – Laqgħa ta' Informazzjoni- Skemi tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'Fondi għall-Kunsilli Lokali.

Wara taħdidiet bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, intlaħaq ftehim dwar kif l-Awtorità tista żżid is-sapport finanzjarju li tagħti lill-kunsilli lokali sabiex dawn itejbu u jżidu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħhom.

Għal dan il-għan, kif kien imħabbar fl-aħħar Budget, l-Awtorità nidiet fond ġdid – il-*Planning Fund* – li ser jikkonsolida l-fondi tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) u tal-*Commuted Parking Payment Scheme* (CPPS) ġewwa fond wieħed u li ser ikun jinkludi fih ukoll persentaġġ (10%) mill-miżati li l-Awtorità ser tiġġenera mill-applikazzjonijiet relatati mal-proċess ta' regularizzazzjoni.

Barra minn hekk, l-Awtorità ser tkun qedgħa tniedi żewġ skemi relatati mar-restawr tal-faċċati tal-bini ġewwa l-*Urban Conservation Areas* li minnhom ser igawdu wkoll il-kunsilli lokali.

Dawk li jkunu ser jixtru jew xtraw l-ewwel dar tagħhom ser jibbenifkaw minn fondi biex jirrestawrawha. Dan billi l-Kunsill jipprovdi point of reference għall-applikazzjonijiet u servizz ta' Perit li jkun speċjalizzat fir-restawr, fejn hemm allokati massimu ta' €500 għal kull xogħol tal-Perit li jiġu rifużi mill-Awtorita'. Min iqabbad Perit privat ma jkunx eliġibbli għal rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż. Kull applikazzjoni, li tinġabar mill-Kunsill Lokali, tista' tibbenifika sa massimu ta' €10,000. Applikazzjoni tkun verifikata mill-Awtroita' hiex eliġġibli jew le fi żmien gimgħatejn. Mhux ser tintalab garanzija bankarja jew ħlas għall-applikazzjonijiet.

Għal dan il-fond hemm allokati €8,000,000 li ser jinħarġu fi *trunches* sakemm jiġi eżawrit dan il-fond. L-għan tal-Awtorita' hu li jkun hemm opportunita' għal riġenerazzjoni.

Waqt il-laqgħa ma' s-Sur Buttiġieġ, is-Sindku semmiet il-fatt li ħafna mill-bini residenzjali tal-Floriana qed jiġi mibdul f' uffiċini li qed iwassal fi tnaqqis ta' residenti.

Issuġerixxa li kull meta jkun hemm rapporti ta' bini li jkun ta' periklu, għandhom jsiru rapporti lill-pulizija u jittieħdu ritratti sabiex il-każ ikun sostnut fil-provi biex jittieħdu l-passi neċessarji.

Intant, informa lis-Sindku li l-Awtorita' xtrat *cameras* li ser jitwaħħlu fuq il-'*bring in site'* biex ikun ikontrollat l-abbuz ta' rimi ta' skart bl-adoċċ hemmhekk.

24.4.2 **LAQGĦA MA' LESA**

Saret laqgħa mas-Sur Ray Zammit u s-Sur John Galea (LESA) dwar il-problemi tal-parkeġġ u l-ħammiem fil-Floriana. Tressqu u ġew diskussi diversi lmenti partikolarment li hemm persuni li jaħdmu fil-Floriana li joħorġu jdawwru l-arloġġ ta' fuq id-dashboard u l-każ ta' persuna partikolari li tippersisti li tgħalef il-ħamiem.

Ġie mwiegħed aktar koperazzjoni a benefiċċju tal-Floriana fosthom li jinbidlu l-wardens peress li qed ikunu huma stess li frekwentement joħolqu l-inkwiet.

24.4.3 **XIRI TA' KOTBA GĦALL-KULLEĠĠ SAN ĠORĠ PRECA SKOLA PRIMARJA TAL-FLORIANA.**

Is-Sindku u l-Kunsilliera kienu preżenti għall-Prize Day ta' din l-iskola il-jum ta' qabel.

Saret rikomandazzjoni mis-Sindku li l-Kunsill għandu jixtri xi kotba tal-qari bil-Malti li jkunu jirriflettu ortografija moderna b' nefqa ta' mhux aktar minn €300.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tagħmel kuntatt mal-Kap tal-iskola u jekk hemm bżonn ma' xi għaqda tal-Malti sabiex jittieħed parir dwar x' kotba għandhom jinxtraw biex ikun żgurat li dawn ikun jikkumplimentaw il-linji li timxi magħhom fit-tagħlim tal-lingwa Maltija din l-iskola.

24.4.4 **YOUTH EXCHANGE MA' MACERATA**

Għandhom jinbdew preparamenti sabiex jiġu mistiedna żagħżagħ minn Macerata li hi ġemellata mal-Floriana. Hekk kif ikun hemm konferma li ser jiġu (peress li din il-lokalita' ġiet milquta minn terremot riċenti), tiġi bbukjata l-lukanda.

24.4.5 **NUQQAS TA' DAWL FI TRIQ SAN FRANGISK U TRIQ SAN TUMAS**

Is-Sindku DSH irrimarkat li fl-imsemmija toroq hemm nuqqas ta' dawl, għalhekk issuġeriet li jsiru fanali mwaħħla mal-ħajt (partikolarment ħdejn Green Shutters). Hemm l-istess problema fi Triq l-Imħażen u Triq il-Miratur ħdejn il-ħajjat.

Għandu jibda l-process mal-EneMalta.

**JAE** issugerixxa li dawn il-fanali ikun jaħdmu bl-energija solari.

24.4.6 **TALBA BIEX STAFF JAKKUMULAW IL-VACATION LEAVE**

Saret talba minn erbgħa mpjegati tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jakkumulaw il-*Vacation Leave* li kien għad baqalhom din is-sena għas-sena d-dieħla minħabba pressjoni ta' xogħol.

Il-membri preżenti unanimament approvaw din ir-rikjesta.

24.4.7 **FUNTANI**

Wara li fil-laqgħa preċedenti kienet saret diskussjoni dwar l-istat tal-funtani fil-ġonna, peress li dawn qed ikunu l-mira ta' vandalizmu u jimtlew bil-ħamrija, ġebel u ħafna fliexken tal-plastic, ġie deċiż li dawn jistgħu jimtlew bil-pjanti biex jigi eliminat kemm jista jkun dan il-vandaliżmu kif ukoll in-nemus li jkun qed jitrabba fihom.

Ġie suġġerit li dan jista' jsir permezz ta' *sponsors*.

Għalhekk sser issir kommunikazzjoni ta' kumpaniji stabbiliti u ambaxxati li joperaw f' dawn l-inħawi biex issir indaġini jekk humiex lesti li jisponserjaw xi funtana.

Il-Kunsill jista jitlob l-għajnuna tal-Perit biex isir l-abbozz ta' dawn il-funtani bil-pjanti waqt li jista jigi konfermat li impjegat tal-Kunsill offra li hu lest li jgħin fix-xogħol li jkun involut.

**24.5** **KORRISPONDENZA.**

24.5.1 **TALBA GĦALL-BINI FEJN JISTA' JITWAQQAF CHILD CARE CENTRE**

Fil-5 ta' Diċembru 2016, waslet talba minn Young Minds Ltd fejn talbu lill-Kunsilli jekk għandhomx bini li jista' jigi mikri lilhom biex jintuża bħala Child Care Centre.

Dawk preżenti kkonfermaw li l-Kunsill m' għandux spazzju x' jikrilhom u ser issir korrispondenza ma' din il-kumpanija biex jiġu mgħarrfa b' dan.

24.5.2 **PA/04670/16 – 13 Triq l-Arċisqof Mauro Caruana**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm applikazzjoni għand l-Awtorita tal-Ippjanar PA/04670/16 rigward il-konverzjoni ta' proprijeta' għall-uffiċini f' numru 13 Triq l-Arċisqof Mauro Caruana.

Kien hemm seduta fis-16 ta' Diċembru 2016 li ġiet diferita għal 1 ta' Frar 2017 għall-aktar informazzjoni.

Għalhekk il-Kunsill bi ħsiebu joġġezzjona billi jkun rappreżentat mill-avukat tal-Kunsill waqt din is-seduta.

24.5.3 **Ċirkolarijiet – MEUSAC**

Kunsill irċieva diversi ċirkolari dwar fondi ie European Regional Development Fund, Europe for Citizens, Urbact Good Practice Calls, New Funding Opportunities under ERDF u Erasmums+ Funding Programme. Għalhekk, dawk preżenti qabblu li għandu jsir appuntament ma' MEUSAC sabiex dawn l-opportunitajiet ta' fondi u korsijiet jiġu diskussi fid-dettal.

24.5.4 **Qbid tal-Ħamiem**

Wara rikomandazzjoni tas-Sur Lawrence Formosa sabiex jigi estiż il-program tal-qbid tal-ħamien, dawk preżenti ddeċiedew li l-qbid għandu jitkompla minn naħa tat-tarf tal-Mall. Għalhekk ser issir komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jitkompla l-qbid minn fuq dawn il-bjut jew minn fuq il-bejt tal-kamra li għandhom il-Malta Playing Fields Association jew inkella minn fuq il-bejt tal-Knisja. Inizzjalment ser issir kommunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

24.5.5 **In-Niċċa fit-Telgħa tal-Kurċifiss**

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-kont tad-dawl ta' din in-niċċa jistgħax jitħallas mill-Kunsill filwaqt li ġie preżentat kont tad-dawl li irċieva is-Sur Pierre Azzopardi (li llum jieħu ħsieb din in-niċċa) li jammonta għall-€18.75.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Pierre Azzopardi filwaqt li ser jigi mistħarreġ jekk il-Kunsill jistax jassumi l-ħlas tad-dawl konsumat minn din in-niċċa.

24.5.6 **Zebra Crossing fi PjazzaSan Kalċidonju**

Waslet korrispondenza mingħand is-Sur Bezzina, *Chairman* tal-Bord tal-Immaniġġjar u l-Amministrazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, li għandhom l-ufficini fil-Floriana fi Pjazza San Kalċidonju, eżatt malli titla' t-telgħa ta' Sa Maison, fejn talab li ssir pedestrian crossing viċin l-uffiċċji tagħhom peress li jmorru hemm numru ta' nies partikolarment anzjani, biex jiftħu ilment dwar il-materja li għandhom kompetenza dwarha, ċioé s-servizzi finanzjarji.

Dawk preżenti qabblu li għandu jkun hemm zebra crossing f' din il-parti tat-triq peress li hi traffikuza ħafna.

Il-Kunsillier VB irrimarka li setgħa ġia kien hemm process mibdi ma' Transport Malta madwar sitt snin ilu biex issir zebra crossing hemm. Għalhekk ser issir riċerka biex ikun magħruf jekk kienx hemm process mibdi u jekk le jinbeda minnufih.

Sadanitant, is-Sur Bezzina għandu jkun mgħarraf li t-talba ta' din l-Awtorita'giet milqugħa u li l-Kunsill ser jaħdem fuqha mingħajr dewmien u ssir komunikazzjoni ma' Transport Malta.

**24.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

24.6.1 **KONKI VOJTA**

Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-possibilita li jitħawlu siġar fiż-żewġ konki vojta li hemm fuq il-bankina faċċa tal-Kunsill peress li dawn huma ta' periklu għal min ikun miexi fuq din il-bankina.

Ġie suġġerit li jistgħu jitħawlu xi *ficus* li jkun nqalgħu minn bnadi oħra jew xi arbuxel bħal *plumbago*. Għalhekk ser issir kommunikazzjoni ma' LES sabiex kemm jista' jkun malajr jitneħħa dan il-periklu.

**24.7 RAPPORTI**

24.7.1 Ma kienx hemm materji diskussi.

**24.8 MATERJI / RAPPORTI U MINUTI TAL-KUMITATI / SOTTOKUMITATI**

24.8.1 Ma kienx hemm materji diskussi.

**24.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U MATERJI FINANZJARJI. OĦRA**

24.9.1 **Skeda ta' pagamenti**

24.9.1.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 20/07 għall-approvazzjoni.

24.9.1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favor unanimament.

24.9.2 **PAGI U BONUS TAL-ĦADDIEMA TAL-KUNSILL**

Is-Sindku DSH kienet ikkorispondiet mal-Kunsilliera fejn issuġeriet li għal dan iż-żmien tal-festi, l-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu l-paga u l-bonus fis-16 ta' Diċembru 2017. Ħadd mill-Kunsilliera m' oppona u għalhekk ġie awtoriżżat il-ħruġ ta' dawn il-ħlasijiet fid-data msemmija..

24.9.3 **RAPPORT TAL-AWDITUR ĠENERALI FUQ ĦIDMET IL-KUNSILLI LOKALI – 2015**

Il-membri kollha inbagħtilhom kopja ta' dan ir-rapport u ġew innutati dawk il-punti li jirrigwardaw dan il-Kunsill.

24.9.4 **ESTIMI FINANZJARJI 2017 U LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'**

Ġie preżentat abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017 wara li l-Gvern ċentrali kien għadda l-allokazzjoni finanzjarja fis-23 ta' Novembru 2016 fl-ammont ta' €354,901.52.

Saret diskussjoni fuqu u tqajjmu xi punti għal kjarifikazzjoni.

Kopja tiegħu hija hawn annessa.

Intant il-laqgħa annwali ser tinżamm fit-28 t' Diċembru 2016 fis-7:00, wara l-quddies, fis-Sala tal-Kunsill li għaliha jkunu jistgħu jattendu l-persuni li jidhru fir-Reġistru Elettorali. Ir-residenti ġew infurmati individwalment permezz ta' flyer filwaqt li tħabbret ukoll fil-Gażżetta tal-Gvern kif ukoll reklamata fuq il-media.

**24.10 MOZZJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET;**

24.10.1 **MOZZJONIJI 1 - Ħlas tal-Allowance lill-Kunsilliera**

Is-Sindku DSH resqet mozzjoni b' referenza għall-ħlas tal-*allowance* dovuta lill-Kunsilliera kull sitt xhur, u ċ-ċirkolari mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali 17/2016 fejn qalet li x-xogħol ta' Kunsillier mhuwiex li jattendi il-laqgħat biss, iżda li jwettaq d-doveri tiegħu skont il-delegi mogħtija, matul is-sena.

La darba l-Kunsilliera li naqsu milli jkunu preżenti għal xi laqgħa tal-Kunsill, kienu talbu li jiġu skużati milli jattendu l-laqgħa rispettiva, u la darba tali talba għal ġustifikazzjoni ġiet aċċettata u ġew għaldaqstant skużati mill-laqgħa tal-Kunsill, proponiet li l-ħlas ta' din l-allowance dovuta lill-Kunsilliera li kienu ġew skuzati għandu jkun sħiħ.

Il-Kunsillier JAE issekondah u ttieħdet votazzjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 3 | (DSH, VB, JAE.) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjoni | - | 0 | |

**24.11 OFFERTI PUBBLIĊI U KWOTAZZJONIJIET**

24.11.1 **COLLECTION OF BULKY REFUSE FROM THE FLORIANA COMMUNITY, IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER**

Wara r-riżenja tal-Kunsillier Dr Matthew Paris, kellu jinħatar bord ta' aġudikazzjoni ġdid.

Issa l-bord ser ikun kompost minn :-

| | |
|---|---|
| Chairperson | Davina Sammut Hili |
| Membri | Vince Borg |
| | James A Ellul |
| | Svetlic Flores |
| Segretarju | M' Lourdes Lautier |

Il-Bord ser jiltaqgħa fis-6 ta' Jannar 2017 fis-2:00.

24.11.2 **KORS DWAR TENDERS**

Waqt kors li ġie organiżżat mid-Dipartment tal-Gvern Lokali, ġie spjegat il-proċess li jrid jigi segwit mill-preparazzjoni u l-abbozzar sal-għoti tat-Tenders.
In vista ta' dan, Tenders li jkunu ser jiskadu ser ikun estiżi sakemm jigi *awarded* it-Tender il-ġdid a bażi ta' skeda li ġiet ċirkolata fl-imsemmi kors.

24.11.3 **CAMERA TA' FUQ IL-FOSOS**

Is-Sindku DSH ġibdet l-attenzzjoni ta' dawk preżenti li l-*camera* ta' Fuq il-Fosos qed tieqaf tiffunzzjona kull darba li jkun hemm maltempata. Il-kumpanija li ssupllixxiet din il-*camera* rrikmandat li jiġi stallat *surge protector*. Il-membri kkunsidraw il-kwotazzjoni li ġiet sottomessa għal dan l-appart u approvaw unanimanent li sabiex ikun zgurat li l-apparat mixtri jkun kompatibbli mal-*camera*, jigi mixtri is-*surge protector* offrut mill-istess kumpanija meta jkun hemm il-fondi neċessarji.

24.11.4 **XIRI TA' APPARAT GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTA TAL-ĦADDIEMA FUQ IX-XOGĦOL**

Saret talba għall-kwotazjonijiet biex jinxtara apparat tas-sigurta tal-ħaddiema, ie elmijiet u *harness* biex meta dawn jkun qed jaħdmu mill-kamra tal-bejt, ikunu siguri.
Kumpanija waħda biss ikkonfermat ir-rating tal-elmu li ntalab li jkun addatat meta persuna tkun qed taħem minn tlett sular għoli, cioe' A. Ferriggi Importers & Distributors.
Dawk prezenti unanimanet qabblu li jinxtraw minn għand din il-kumpanija għal din ir-raġuni.

24.11.5 **TENDER – GABBANA FI ĠNIEN KING GEORGE V**

Id-dokumenti relatati ma' dan it-tender intbagħtu lill-Avukat wara li kien iltaqa mas-Segretarju Ezekuttiv fejn ġie miftiehem li kellu jibda jabbozza l-Expression of Interest. . Intant sar kuntatt mal-Accountant ukoll.
Għanda tinżamm laqgħa sabiex il-permessi u l-liċenzji relattivi jinqalbu f' isem il-Kunsill, qabel ma jiġi pubblikat it-Tender.

**24.11.6** **SKEMA TA' PARKEĠĠ GĦAR-RESIDENTI**

Wara sejħa għal kwotazzjonijiet biex jiġu stampati *stickers* li jkunu jifilħu għax-xemx qawwija għall-Parkeġġ tar-Residenti, il-Kunsill irċieva kwotazzjonijiet mingħand Branded Juice Limited, Mompaloa Trading, Ltd, Tinktank Ltd, u Five Star Printing & Design Ltd. Jiġi nnutat li żewġ kumpanij oħra li ntalbu jofru kwotazzjonijiet naqsu li jibgħatu l-kwotazzjoni ie VelPrint Ltd kif ukoll Duraprint li stqarr li l-kumpanija tiegħu ma kienx tipprovdi *stickers* li jkunu UV protected.
Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li din l-ordni hi kompriża minn UV printing, *cards* tal-*plastic*, kif ukoll l-inklużjoni ta' *hologram* u siġill tal-Kunsill.
Għalhekk il-Kunsill approva x-xiri tal-kwotazzjonijiet provduti minn Mompaloa Trading Ltd, Tinktank Ltd u Five Star Printing & Design Ltd bi spiża komplessiva ta' madwar €3200.
F' Jannar 2017 għandu jibda l-proċess sabiex jiġu verifikati min għandu dritt għall-permess tal-Parkeġġ Residenzjali.

Ir-residenti ser jintalbu jipproduċu l-karta tal-Identita' tagħhom kif ukoll il-*log book* tal-karozzi tagħhom.

**24.12 ATTIVITAJIET**

24.12.1 **ST PATRICK' S DAY FIL-FLORIANA - 12 TA' MARZU 2017**

Din l-attivita' ser tinzamm fil-Floriana il-Ħadd, 12 ta' Marzu 2017

Il-membri prezenti unanimament approvaw li s-sottokumitat ser ikun magħmul minn Chris Brincat, Ray Mifsud u Jonathan Aquilina, u lil-*budget* ser ikun sa massimu ta' €9,000 pero hemm il-ħsieb li jiġu mfittxija *sponsors*, filwaqt li jiġu nominati persuni oħra biex jifformaw parti minn dan is-sotto-kumitat.

L-attivita ser tinżamm qrib il-klabb tal-AJAX u fi Triq il-Konservatorju.

Għalhekk ser tiġi stabbilita d-data biex jiltaqa' dan is-sotto-kumitat.

24.12.2 **IL-FESTA LITURGIKA TA' SAN PUBLIJU – 21 TA' JANNAR 2017**

Bħal kull sena ser jiġi organiżżat riċeviment żgħir f' gieh San Pubbliju. F' din l-okkażjoni ser jigi ntrodott kunċett fejn dan il-festin jibda jiġi ospitat alternattivament għand id-diversi għaqdiet Furjaniżi.

Ġie deċiż minn dawk preżenti li din is-sena ser jingħata rikonoxximent lis-Sur Svetlic Flores li għadu kemm temm il-kariga tiegħu ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Floriana, kif ukoll lill-Avukat Dottor Matthew Paris għal kontribut tiegħu fi ħdan l-istess Kunsill bħala Kunsillier.

Għandhom jitħejjew il-lista tal-mistednin u l-inviti għall-kampanja QALB ĦANINA. L-inviti għandhom jinħarġu permezz ta' posta eletronika, u bil-posta regolari biss jekk ma jkunx hemm indirizz eletroniku.

24.12.3 **ATTIVITA' QABEL IL-FESTA TA' SAN PUBBLIJU – 21 T' APRIL 2017**

Bħal kull sena, ser issir attivita' qabel il-ħruġ tal-vara ta' San Pubbliju, cioe' fil-21 t' April 2017. Ser ikun hemm nominazzjonijiet għall-premijiet. Għanda ssir talba sabiex din l-okkazzjoni tinzamm jew fis-Sala Robert Samut jew fil-Kunvent tal-Kapuccini jew fil-Knisja ta' Sarria.

Ikun hemm serata ta' muzika fi Triq il-Miratur, fejn ser ikun hemm mistiedna l-kantanta Leah Cauchi. L-organiżżaturi jridu jieħdu ħsieb li jkun hemm *sound system* tajba.

24.12.4 **FESTA NAZZJONALI TAL-LOGĦOB TAN-NHAR TAL-ART MEKKANIŻŻAT**

Din is-sena dan il-festival ser jinżamm is-Sibt, 29 t' April 2017, lejliet il-festa ta' San Publiju. Ser jintalbu l-permessi mill-pulizija u l-probabilita hi li ma jkunx hemm oġġezzjoni. F'kommunikazzjoni mas-Sur Noel Castillo, gie konfermat li għal dan il-festival ser jipparteċipaw 16-il kamra tan-nar. Il-probabilita' hi li jridu jsiru aktar toqob fl-art għall-arbli.

**24.13 MATERJI OĦRA**

24.13.1 **SIĠĠU VAKANTI TA' KUNSILLIER**

Il-Kunsillier Dr Matthew Paris kien għarraf lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' e-mail fl-10 ta' Diċembru 2016 li ser jirriżenja. Hu preżenta r-riżenja tiegħu formalment fil-15 ta' Diċembru 2016 u ġew notifikati lill-Ministru responsbbili għall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Kummissarju Elettorali Ewlieni filwaqt li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' Diċembru 2016. Illum infetħu n-nominazzjonijiet waqt li fit-23 ta' Diċembru 2016., il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-validita' tan-nominazzjonijiet (Reg 90). Jekk ma jkunx hemm nominazzjonijiet issir co-option ((Reg 92) waqt li jsir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.. Fis-26 ta' Diċembru jsir l-għadd tal-vot.

24.13.2 **DR MATTHEW PARIS**

Intant is-Sindku, l-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill irringrazzjaw lil Dr Matthew Paris għas-servizz li ta u għad-dedikazzjoni tiegħu lejn ħidmet il-Kunsill.

Fl-istess ħin awgurawlu suċċess fil-kariga li għadu kemm ħa.

24.13.3 **RESTAWR TAS-SUR TAL-KURĊIFISS**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li kient saret talba għal permessi ta' *scaffolding, boarding* u xogħol ieħor minn Irrecs Ltd għal xogħol li kienu se jwettqu fir-restawr tas-Sur tal-Kurċifiss.

Wara li saret riċerka rriżulta li dan kien proġett Nazzjonali (CT 2166/2016) u skond SL 441.04 Schedule C – Art 7, jikkwalifika għal permessi bla ħlas.

Il-permessi għandhom isiru xorta, kull xahar bil-quddiem.

Il-permessi jiġġeddu kull xahar bil-quddiem bl-approvazzjoni minn qabel tal-membri tal-Kunsill permezz ta' e-mail mibgħuta lill-membri mis-Segretarju Eżekuttiv wara li tkun saret talba għal dan mill-istess kumpanija.

**24.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

24.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:40 u ġiet aġġornata għall-11 ta' Jannar 2017 fil-17:00.

Minuti approvati llum 11 ta' Jannar 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| DAVINA SAMMUT HILI | M' LOURDES LAUTIER |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |